**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 15 t' Ottubru, 2015**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Dean Patrick Joseph Agius**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Dean Patrick Joseph Agius, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 392999M akkuzat talli fit-13 ta' Jannar 2015 ghal habta tal-2pm u qabel gewwa l-Ajruport Internazzjonali minghajr il-licenzja jew il-permess tal-Kummissarju, akkwista, pussess ghal-liema ghan ikun, iz-zamma jew l-importazzjoni tal-armi regolari imsemmija bi ksur tal-artikolu 3(a) tal-Kapitolu 480 tal-Kodici ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghtu l-piena taht ir-regolament 49(2) ta' l-AL 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-15 t' Ottubru, 2015 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li l-imputat ikkopera bi shih u mill-ewwel fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 3(a) u 51(b) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta' €233.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-ponn tal-hadid immarkat bhala dok SM 1.

**MAGISTRAT**